# Niċeċ fiż-Żejtun iddedikati lil Santa Katerina

Iż-Żejtun ma jagħmilx għajb għal bliet u rħula oħrajn f' dawk li għandhom x'jaqsmu niċeċ jew xbihat. Fil- fatt nsibu madwar sitt niċeċ madwar ir-raħal, ewlenija hija statwa fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali li ħadd ma jaf min ħadimha pero jaħsbu li saret fi żmien Xandru Farrugia. Niċċa oħra kienet tinsab qrib il-knisja tal-Bon Kunsill pero l-progress ma ppermitix li tibqa hemm minħabba żvilupp fit-triq. Illum tinsab ġewwa dar privata.



*Niċċa fi Triq Habel ix-Xgħir – Żejtun.*

Fi Triq Santa Marija nsibu waħda mill-isbaħ niċeċ li għandna ġewwa ż-Żejtun, fuq il-faċċata tad-dar nru. 37 xogħol tas-seklu dsatax. Santa Katerina għandha idejha mgħollija 'l fuq u tinsab fuq pedestal sabiħ ħafna b'żewġ skrollijiet. Kitba li tinsab taħt tgħid hekk:

*"Sua .Ecc. Revma. Fra Gaetano Pace Forno / Arcivescovo di Rodi e di Malta / concede indulgenza di giorni 40 / a chi recita devotamente Pater Ave / innanzi questa santa Immagine di / Santa Caterina vergine e martire".*

Minkejja li Triq Habel ix-Xgħir hija triq dejqa din kienet waħda mit-toroq prinċipali taż-Żejtun . Fl-imgħoddi kienet tgħaddi l-purċissjoni tal-Ġimgħa Kbira. Hawn hekk nsibu żewġ niċeċ oħra . L-iktar waħda prominenti tinsab f' kantuniera ma' sqaq numru 1 li tidħol għalih mill-istess triq. Niċċa sempliċi bl-istatwa ta' Santa Katerina iebsa fil-qagħda tagħha.

In-niċċa l-oħra tinsab fil-faċċata tad-dar nru 43. Kitba li żomm dritt għall-indulġenzi mogħtija mill-Isqof Pace fid-9 ta' Ġunju 1893 tinsab taħt in-niċċa.



*L-istatwa ta' Santa Katerina V.M. fuq iz-zuntier tal-knisja Żejtun.*

Niċċa kurjuża tinsab fi-Triq Xejba, peress li forsi flokk l-istatwa ta Santa Katerina fiż-żmien kien hemm dik ta xi Madonna. Dan jixhdu ż-żebgħa blu fin-niċċa. Din in-niċċa tinsab fuq il-bieb numru 8. u hija xogħol tas-seklu tmintax.

Fi triq san Duminku kantuniera ma triq San Alfonsu nsibu niċċa oħra li hija xogħol riċenti ta' xi ħadd dilettant. Din in-niċċa tinsab fis-sular ta' fuq tad-dar nru.4 u għandha rħama bid-digriet ta l-indulġenza 8 ta' Marzu 1922.

Fi Triq Wied il-Għajn limiti taż-Żejtun nsibu niċċa nteressanti peress li Santa Katerina qed iżżom ktieb f' ida leminija u għandha s-simboli tal-martirju fl-id l-oħra. Din l-istatwa kienet tinsab f' niċċa fil-ġenb ta' razzett iżda minħabba atti vandali tneħħiet minn hemm . Digriet ta' l-indulġenza li jaqra 24 ta' April 1894 tpoġġa fuq il-bieb tar-razzett.

Ftit l-fuq mit-Torri Mamo nsibu niċċa oħra li qegħda fuq kamra qalb l-għelieqi u għandha forma ta' knisja. Hija xogħol fil-bidu tas-seklu għoxrin u tinsab f' kundizzjoni tajba.

Miż-Żejtun għal Marsaxlokk, l-kuġini tagħna jqimu lil din il-qaddisa b' niċċa f'kantuniera fi Triq iż-Żejtun. Ix-xbieha ta Santa Katerina hija maħduma fuq it-titular tagħna qabel ma ġiet restawrata fl-1929 minn Guseppi Caruana.

**N.B.** Informazzjoni meħuda mill-ktieb "St. Catherine of Alexandria - her paintings and churches in the Maltese Islands" - Sur Mario Buhagiar.